MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 119/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Ramona Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habtet ma vettura bin-numru tar-registrazzjoni RSC333 u kkagunat hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu ta' Mimi Taddesse Zawdi.
2. Saqet l-imsemmija vettura b'manjiera (a) traskurata (b) perikoluza.

3. Saqet jew ippruvat issuq jew kellha kontroll tal-vettura msemmija hawn fuq fi triq jew f' post pubbliku wara li kkunsmat tant alkohol li l-proporzjoni teighu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt mill-ligi.
4. Meta kienet involuta f'habta mal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni RSC333 naqset li tieqaf fuq il-post tal-incident u taghti l-partikularitajiet taghha meta kien hekk mehtieg li taghmel dan min persuna li kellha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk u/jew naqset li tirraporta dan l-incident lil Pulizija Ezekuttiva jew lil gwardjan lokali.

Il-prosekuzjoni talbet li l-imputata tigi skwalifikata mil-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Marzu, 2011, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli indikati u cioe` l-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 15(1)(a)(2) u 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 67 ta' L.S. 65.11. sabet li m'hemmx provi a rigward l-akkuzi stante li ma deheritx il-parte civile u anke ghat-tieni (2) akkuza stante li fl-affidavits tal-pulizija hemm konfuzjoni a rigward id-data u ghalhekk tilliberaha minnhom izda ghar-rigward it-tielet u r-raba' (4) akkuza gialadarba hemm 'breathalyzer test' li jikkombacja perfettament mal-akkuza u ghalhekk filwaqt li tilliberat lil imputata Ramona Caruana mill-akkuzi l-ohra dedotti kontriha, sabet htija fuq it-tiele (3) akkuza kif dedotta kontriha biss, ikkundannata multa ta' erba` mija u sitta u sittin euro (€466) u skwalifika mis-sewqan ghal sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-8 ta' Marzu, 2011 fejn talbet lil din il-Qorti:

1. Tikkonferma is-sentenza msemmija fir-rigward ta' l-ewwel akkuza billi specifikament tiddikjara li qeghda tillibera l-imputata mill-ewwel akkuza;
2. Tikkonferma is-sentenza msemmija fir-rigward tat-tieni akkuza.

3. Tirrevoka is-sentenza msemmija in rigward it-tielet u r-raba` akkuza billi tillibera l-imputata minn dawn iz-zewg akkuzi dedotti kontra taghha.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ghalkemm hemm kunflitt kbir fil-provi kif ipprezentati mill-prosekuzjoni xorta wahda sabet l-imputata hatja tat-tielet u r-raba akkuza.

Illi l-fatt li z-zewg xhieda m'humiex qeghdin jaqblu fuq id-data ifisser li hemm kunflitt sfaccat fuq meta verament sehh l-incident. Hemm xhud li qed jiddikjara li l-incident sehh fit-18 ta' Dicembru, 2010 pero m'huwiex xhud okkulari ghax gie nfurmat bl-incident u ma marx fuq il-post jikkonstata x'verament gara. Dan l-istess xhud izjed tard dak il-lejl akkumpanja lill-imputata sabeix tghamel it-test tan-nifs. Min-naha l-ohra l-unika xhud okkulari qed jghid li incident sehh fid-19 ta' Dicembru.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha irrikonoxxiet li hemm konfuzjoni fl-affidavits tal-Pulizija. Pero` imbghad iddikjarat wkoll li t-test tan-nifs jikkombacja mal-akkuzi. Illi bir-rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti t-test tan-nifs wahdu m'huwiex validu u dan ghaliex dan it-test jiddikjara li f'mument partikolari persuna ghandha certu ammont ta'alkohol f'gisimha. Pero`dan it-test irid jikkombacja ma fatti ohrajn apparti l-akkuzi u mhux ma l-akkuzi kif iddikjarat l-Ewwel Onorabbli Qorti. Il-fatt jibqa li meta wiehed iqabbel it-test tan-nifs mal-fatti dawn ma jaqblux u dan ghaliex l-unika xhud okkulari li xehed permezz ta'affidavit iddikjara li l-incident sehh fid-19 ta' Dicembru, 2010 u mhux fit-18 ta' Dicembru kif sostna l-Pulizija li ha hsieb li jsir it-test tan-nifs.

Illi din is-sentenza hija precedent perikoluz hafna ghax dan ikun ifisser li l-prosekuzjoni tkun tista tistrieh fuq it-test ta' nifs biss minghajr ma ttella xhieda li jikkoroboraw il-fatti fuq ir-risultat tat-test tan-nifs. F'dan il-kaz l-unici provi li jaqblu huma ix-xhieda ta' PS1268 u d-dettalji tar-rizultat tat-test tan-nifs. Pero` PS1268 m'huwiex xhud okkulari u ghalhekk wahdu ma jistax jikkonferma l-fatti sabiex jaqblu ma l-akkuza. L-unika xhud li setgha jaghmel dan huwa PS1043 li m'huwiex jaqbel ma PS1268 fuq id-data ta' l-incident. Ghalhekk meta hemm kunflitt flaggranti bhal dan fix-xhieda tal-prosekuzzjoni dan jirrizulta f'dubju li certament ghandu jmur favur l-imputata u ghalhekk kellha tigi liberata mill-akkuzi kollha.

Illi apparti minn hekk it-test tan-nifs wahdu ma jikkonfermax l-ewwel akkuza li l-imputata saqet jew ippruvat issuq jew kellha kontroll tal-vettura msemmija hawn fuq fi triq jew f'post pubbliku wara li kkonsmat tant alkohol li l-proporzjoni teighu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt mill-ligi. Dan ghaliex il-prosekuzjoni kellha bzonn xhud okkulari li jikkonferma li fit-18 ta' Dicembru l-imputata kienet qed issuq. Dan ix-xhud ma jesistix minhabba l-fatt li l-unika xhud okkulari li hemm sostna li l-imputata habtet fid-19 ta' Dicembru, 2010.

Illi t-test ta' nifs wahdu ma jikkonfermax ukoll kienet intavolata f'habta mal-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni RSC333 naqset li tieqaf fuq il-post tal-incident u taghti l-partikularitajiet taghha meta kien hekk mehtieg li taghmel dan minn persuna li kellha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk u/jew naqset li tirraporta dan l-incident lil Pulizija Ezekuttiva jew lil gwardjani lokali. Dan il-fatt ma kienx ikkonfermat minn l-ebda xhud. L-unika xhud li semma xi haga kien PS1268 pero dan ma kienx xhud okkulari u strah fuq dak li gie nfrumat.

Illi s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti m'hijiex cara stante li l-ewwel tghid li "jidher li m'hemmx provi a rigward l-akkuzi stante li ma deheritx il-parte civile u anke ghat-tieni (2) akkuza stante li fl-affidavits tal-pulizija hemm konfuzjoni a rigward id-data u ghalhekk tilliberaha

minnhom izda ghar-rigward it-tielet u r-raba’ (4) akkuza gialadarba hemm ‘breathalyzer test’ li jikkombacja perfettament mal-akkuza u ghalhekk filwaqt li tilliberat lil imputata Ramona Caruana mill-akkuzi l-ohra dedotti kontriha, sabet htija fuq it-tiele (3) akkuza kif dedotta kontriha biss, ikkundannata multa ta’ erba` mija u sitta u sittin euro (€466) u skwalifika mis-sewqan ghal sitt (6) xhur.” Illi ghalhekk m’hijiex cara jekk m’hemmx provi ghall-akkuzi kollha jew jekk m’hemmx provi ghall-ewwel akkuza u t-tieni akkuza.

Ikkunsidrat,

**Dwar liema imputazzjoni nstabet ħtija.**

Jirriżulta mill-atti li kienu prodotti riżultat tal-breathalyser li jġib id-data 18 ta’ Diċembru 2010 (ħin 06.16:02, żewġ affidavits bit-tieni wieħed għandu rapport mehmuż miegħu liema rapport sar minn PC 104 Raymond Caruana fl-04.52 tat-18 ta’ Diċembru 2012. Mill-verbal tal-1 ta’ Marzu 2011 jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ma baqgħetx tinsisti fuq il-preżenza tax-xhud Mimi Taddesse Zawdi li allegatament sofriet danni fil-karozza tagħha RSC 333 meta l-appellanti ħabtet mal-karozza misjuqa mill-istess Mimi Taddesse Zawdi.

L-appellant appella dwar is-sejbien ta’ ħtija fit-tielet u fir-raba’ imputazzjoni. L-appellanti tillamenta li l-kliem fis-sentenza mhux ċar speċjalment jekk ‘m’hemmx provi għall-akkużi kollha jew jekk m’hemmx provi għall-ewwel akkuża u t-tieni akkuża.’

Il-Qorti għalhekk eżaminat il-kopji tas-sentenza li jinsabu fil-proċess. Mis-sentenza miktuba bl-idejn u dik dattilografata jirriżulta dan il-kliem:

(a) issib ħtija fuq it-tielet akkuża biss;
(b) issib ħtija fuq it-tielet (3) akkuża dedotta kontriha biss.

Jista' jkun li l-appellant ra l-kliem: 'iżda għar-rigward it-tielet u r-raba' akkuża ġaladarba hemm breathalyser test li jikkombaċċja perfettament mal-akkuża'

Wieħed jinnota l-użu tal-kelma 'biss' darbtejn – fis-sentenza miktuba bl-idejn u fis-sentenza dattilografata - kif ukoll l-użu tas-singolar mill-Ewwel Onorabbli Qorti f'żewġ frażijiet: 'mal-akkuża' u 'fuq din l-akkuża'.

**Ġaladabra l-Qorti qed tiddeċiedi li l-appellanti kienet meħlusa wkoll mir-raba' imputazzjoni, jsegwi li dan l-appell huwa limitat għas-sejbien ta' ħtija dwar it-tielet imputazzjoni biss.**

**Fatti dwar it-Tielet Imputazzjoni**

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li fiż-żewġ affidavits hemm data differenti: dak ta' PS1043 Francis Pace jirriferi għad-data tad-19 ta' Diċembru 2010 u l-ħin huwa indikat 04.45am. (Fil-bidu tal-affidavit jibda biex jirreferi għat-18 ta' Diċembru 2010).

Min-naħa l-oħra l-affidavit ta' PS 1268 Ivan Caruana jirreferi għad-data tat-18 ta' Diċembru 2010. Huwa jiddeskrivi x'għamel ħadd ieħor [1]u **li kien PS 1043 F.Pace li kien kellem lill-appellanti. Imbagħad kien dan ix-xhud stess li beda jieħu l-verżjoni tal-appellanti**. L-appellanti nnegat li kienet daħlet fil-karozza l-oħra. Fl-affidavit huwa qal ukoll li l-appellanti kienet intweriet l-karozza l-oħra u li d-daqqa kienet kompatibbli mal-karozza tagħha. L-appellanti kienet infurmata li ser isir test tan-nifs u ttieħdet l-għassa ta' tas-Sliema fejn dan l-istess PS 1268 ta t-twissija (Il-kliem eżatt huwa 'fejn jien tajtha t-twissija') u wara li tat il-kunsens tagħha sar it-test fejn irriżulta pożittiv. (88ug/100ml). L-istess PS 1268 'ħejja' rappot u hemżu mal-affidavit.

Mir-rapport jirriżulta li l-uffiċjal li għamel ir-rapport (entering report) kien PC 104 Raymond Caruana fit-18 ta'

---

[1] 'Dawn marru warajha u din instabet ġo l-istess triq iktar 'il fuq lejn l-istabbilioment FXB.'

Diċembru 2010 fl-04.52. L-Uffiċjal li kellu x'jaqsam mar-rapport – skont l-istess rapport – kien PC 1043 Francis George Pace.

Taħt 'Action Taken' hemm deskrizzjoni dettaljata ta' liema uffiċjali kienu involuti – PS 1043 u PC 1318. Illi dawn ħarġu mill-Għassa tal-Pulizija tal-Imsida u raw il-vettura DBJ – 978 Peugeot bajda titlaq mill-post tal-inċident. Il-Pulizija tad-Diviżjoni raw xi ħsara kellha l-vettura RSC 333 -jiġifieri dik misjuqa minn Mimi Taddesse Zawdi. Il-Pulizija ġrew u sabu l-karozza tal-appellanti li kellha l-airbag barra u li l-mudguard tan-naħa ta' quddiem fuq ix-xellug kellha brix blu liema blu kien l-istess bħal dak tal-karozza li sofriet il-ħsara. L-appellanti għall-ewwel innegat kollox u qalet li l-ħsara fil-karozza tagħha kienet saret il-Qrendi iżda :

'after a while she admitted that she had dashed into another vehicle and continued on its way.'

Il-breathalyser test sar minn PS 1268 Caruana fl-Għassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema fejn irriżulta li kellha 088UG/100ML.

**Liġi**

L-artikolu 15B tal-Kap 65 jiddisponi kif ġej:

**'15B.** (1) Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f 'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.'

Għalhekk l-elementi ta' dan l-artikolu huma:

(a) Li persuna tkun qed issuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur;
(b) Li tkun fit-triq jew f'post pubbliku;

(ċ) li tkun ikkunsmat alkoħol aktar mil-limitu preskritt.

**Jinħtieġ li t-tliet elementi jkunu ppruvati.**

Hemm il-prova għall-elementi (ċ) li huwa ffirmat minn PS 1268 u li jirriżulta li sar fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni. Dan jidher li huwa ffirmat mill-appellanti wkoll għalkemm ħadd ma kkonferma li din il-firma hija tal-appellanti.

Mill-affidavit ta' PS 1268 jirriżulta li kien huwa ħa l-verżjoni tagħha. Filfatt fl-istess affidavit insibu (i) li bdiet tinnega li daħlet f'karozza oħra; u (b) li ntweriet d-daqqiet fuq il-karozza li saritilha l-ħsara u li d–daqqa kienet kompatibbli mal-karozza tal-appellanti.

L-ewwel parti tal-affidavit ta' PS 1268 huwa dwar x'qalulu l-uffiċjali l-oħra. Filfatt kien l-uffiċjal PS 1043 F.Pace li kellem lill-appellanti skont dan l-istess affidavit. Mill-current incident report jirriżulta li l-uffiċjal 'involved in the incident' kien PS 1043 Francis Pace.

L-aktar żewġ xhieda li setgħu jgħidu x'ġara kienu:

(a) Il-parti ċivili li ma l-Prosekuzzjoni ma baqgħetx tinsisti fuq li din tixhed meta din ma dehirtx il-Qorti;

(b) PS 1043 li iżda indika d-data ħażin fl-affidavit tiegħu.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll li:

(i) Dak li hemm fil-current incident report ma kienx ikkonfermat bil-ġurament mill-Uffiċjal li għamlu, jiġifieri PC 104 Raymond Caruana.

(ii) Fl-affidavit ta' PS 1068 imkien ma hemm ammissjoni expressis verbis li l-appellanti kienet daħlet f'karozza oħra.

Minħabba li:

(a) l-Prosekuzzjoni ma nsistitx li tixhed il-parte ċivili, (b) l-iżball fid-data li jidher fl-affidavit ta' PS 1043 Francis Pace, (ċ) li l-current incident report ma kienx ikkonfermat mill-persuna li għamlitu, u (d) fl-affidavit ta' P.S.1268 m'hemmx referenza espressa għal xi ammissjoni tal-appellanti, il-Qorti qed tilqa' l-appell u għalhekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Ramona Caruana' fl-1 ta' Marzu 2011 billi tikkonfermha fejn ma sabitx ħtija u billi tirriformha fejn sabet ħtija tat-tielet imputazzjoni u kkundannat lill-appellanti biex tħallas multa ta' 466 Ewro u skwalifikat lill-appellanti mis-sewqan għal sitt xhur u minflok qed issib lill-appellant mhux ħatja tal-imputazzjoni numru tlieta u qed tħassar kwalunkwe piena u skwalifika imposta mill-Ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------